# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 209/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Duncan Buttigieg**

Illum is-sebgħa (7) ta' Novembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Duncan Buttigieg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 244783(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fid-9 ta' Ottubru 2012, u fil-ġimgħat ta' qabel:

1. assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena

ta' priġunerija, u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-iStampa u ċioè talli ppjana w ftiehem xi sura ta' azzjoni li kienet tinvolvi li volontarjament jagħti n-nar lil bini, għarix, jew lok ieħor u ċioè garaxx għad-detriment tal-iSpettur tal-Pulizija Angelo Gafa', iżda meta ġewwa ma jkun hemm ebda persuna filwaqt tal-ħruq, jew volontarjament jagħti n-nar lil materjal li jaqbad, u dan il-bini, għarix, jew lok ieħor, u ċioè l-garaxx proprjeta' tal-istess Spettur, jew dan il-materjal, ikun qiegħed b'mod li jista' jqabbad il-ħruq lil bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, fejn f'dak il-waqt hemm ġewwa jkun hemm xi persuna, u kif ukoll ppjana u ftiehem li volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew jgħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioè billi jagħti n-nar il-vettura proprjeta' tal-iSpettur tal-Pulizija Angelo Gafa' u dan għad-detriment tal-istess Spettur tal-Pulizija;

2. sar reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li, f'każ ta' ħtija, titratta lill-imputat li kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. J. Padovani LL.D. fit-2 ta' Lulju 2008 b'dan li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u dan taħt depożitu ta' ħames mitt Ewro (€500) u garanzija personali ta' ħamest elef Euro (€5000).

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li, f'każ ta' ħtija, tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputat u tordna l-arrest mill-ġdid tiegħu kif ukoll tordna li s-somma ta' ħames mitt Euro (€500) depożitu u s-somma ta' ħamest elef Euro (€5000) bħala garanzija personali imposti mill-Qorti jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat f'Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' April 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 31, 48A, 49, 50, 317(a), 318, 325(1)(a), 383, 384, 385, 386, 387, 412C, 533, 578 u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dwar ir-reċidiva u talli kiser il-kondizzjoni mogħtija lilu fid-digriet tal-liberta' proviżorja u minnhom illiberatu, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni ta' assoċjazzjoni fir-reat ta' ħruq bla periklu għall-ħajja tan-nies u ta' ħsara volontarja u kkundannatu piena ta' sentejn (2) priġunerija. Il-Qorti rabtet lill-imputat sabiex *ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jimmolestax, ma jinġurjax u ma jheddidx lill-iSpettur Angelo Gafa' għall-perjodu ta' sena mid-data tas-sentenza taħt penali ta' elf Euro (€1,000) fin-nuqqas. Finalment, il-Qorti ordnat li jinħareġ Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-iSpettur Angelo Gafa' *ai termini* ta' Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perjodu ta' tliet (3) snin u fin-nuqqas li jobdi tali ordni l-imputat jiġi kkundannat jagħmel tliet (3) xhur priġunerija addizzjonali.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-21 ta' April 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tirriforma s-sentenza fuq indikata tat-12 ta' April 2016 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura billi tikkonferma li mhux ħati għat-tieni u tielet akkuża, iżda tilliberah mill-ewwel akkuża."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta b'dan illi l-konsulenti legali għamlu sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tilliberah mill-ewwel imputazzjoni filwaqt li tikkonferma n-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija tiegħu fil-bqija.

Illi l-fatti ta' din il-kawża jduru ma' rapport magħmul minn Joseph Cassar fis-7 ta' Ottubru 2012 meta mar id-*Depot* tal-Floriana fejn kellem lil dak li llum huwa l-Kummissjarju tal-Pulizija Angelo Gafa' u qallu li l-appellant kien qed jippjana sabiex jagħmillu ħsara fil-proprjeta' tiegħu. Jidher li l-kwistjoni bdiet meta dak iż-żmien l-iSpettur Gafa' fil-vesti ta' Prosekutur f'każ li jirrigwarda l-appellant kien oppona għal talba ta' differiment magħmula mill-appellant. Din il-kwistjoni seħħet fis-26 ta' Settembru 2012. Allegatament wara s-seduta l-appellant mar il-garaxx ta' Joseph Cassar u talbu jekk kellux tnejn minn nies sabiex ikun jista' jaħraq il-vettura ta' Angelo Gafa' u b'hekk jgħaddilu messaġġ. Joseph Cassar jidher li ma kellux kuntatt ma tali nies u allegatament issuġerrixxa li jaħarqu l-bieb tad-dar tal-iSpettur. Jidher li allegatament l-appellant ma riedx minħabba li setgħu jweġġgħu xi nies u ried biss li tinħaraq il-vettura tal-iSpettur. Joseph Cassar jidher li aċċetta li jagħmel dan bi prezz ta' elf Euro (€1,000).

Illi Angelo Gafa' informa lis-superjuri tiegħu u minn hemm bdiet l-investigazzjoni b'dana illi fid-9 ta' Ottubru 2012 l-appellant ġie imsejjaħ fejn ċaħad l-akkużi u waħħal fil-fatt li qabel Cassar ried

jinvolvieh fi kwistjoni tad-droga iżda huwa kien irrifjuta u għalhekk huwa kien qed jiġi rrikattat li jekk ma jħallasx xi somma ta' flus lil Joseph Cassar, dan kien sejjer jagħmel rapport lill-Pulizija.

Illi l-għada l-appellant reġa' ġie imsejjaħ fejn irrilaxxa stqarrija oħra.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq aggravju wieħed liema aggravju huwa fil-mertu. Qabel ma tibda bl-istħarriġ tagħha dwar dan l-aggravju, din il-Qorti tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-uniku aggravju mressaq mill-appellant huwa jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti. Huwa jindika li huwa ġie akkużat li *"fid-9 ta' Ottubru 2012 u fil-ġimgħat ta' qabel"* filwaqt li r-rapport seħħ fis-7 ta' Ottubru 2012 u li għalhekk ma kienx hemm distanzi ta' ġimgħat hekk kif indikat fiċ-ċitazzjoni. Jindika wkoll li mid-data li fih sar ir-reat u d-data li fih kien hemm l-aħħar seduta kienu għaddew għaxart ijiem biss. Jispjega wkoll li skont Cassar, hu (l-appellant) kien mar għandu xi ġimagħtejn qabel iżda dan ma kienx possibbli ġialadarba s-seduta in kwistjoni kienet seħħet biss għaxart ijiem qabel.

Illi l-appellant ikompli jargumenta li l-Ewwel Qorti straħet fuq xhud uniku li mhux kredibbli stante li kien hemm xi disgwid fuq il-flus bejniethom u li għalhekk kellu kull interess ikabbar l-affarijiet. Jisħaq li hu semma xi diskors kontra l-iSpettur Gafa' iżda jgħid li qal hekk peress li kien irrabjat. Jgħid li Cassar qatt ma qal li aċċetta li jaħraq il-garaxx tal-iSpettur Gafa' bil-konsegwenza li ma kienx hemm *"meeting of the minds"* u għalhekk ma kienx hemm assoċjazzjoni.

Illi jkompli jgħid li l-Prosekuzzjoni ma akkużatux (lill-appellant) b'tentattiv minħabba li skont huwa ma hemmx il-bidu tal-eżekuzzjoni. Jgħid li l-Prosekuzzjoni qed tgħid li kien hemm assoċjazzjoni minħabba wkoll li kien hemm ftehim bejnu u bejn Cassar sabiex jitwettaq ir-reat. Jkompli jgħid li Cassar ma riedx iwettaq ir-reat minħabba li Gafa' kien joqgħod fi blokka li fiha kienu jgħixu n-nies. Jisħaq li għalhekk la kien hemm ftehim u lanqas pjan ta' azzjoni.

Illi ċ-ċitazzjoni taqra li: *"fid-9 ta' Ottubru 2012, u fil-ġimgħat ta' qabel"* l-appellant assoċja ruħu ma' persuna oħra biex iwettaq reat. Mix-xiehda mogħtija mill-istess Angelo Gafa' fit-22 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 58 *et seq.*) jirriżulta li saret riferenza għal seduta miżmuma l-Qorti fis-26 ta' Settembru 2012. Jirriżulta mill-istqarrija mogħtija fl-

10 ta' Ottubru 2012 li wara s-seduta l-appellant irċeva telefonata minn għand Cassar u dan qallu sabiex imur il-garaxx tiegħu għax kellu ħaġa importanti xi jgħidlu. Jispjega li huwa mar u qallu b'kollox. Għalhekk jirriżulta li bejn id-data tas-seduta u ċioè s-26 ta' Settembru 2012 u d-data msemmija fiċ-ċitazzjoni għaddew erbatax (14)-il jum jekk wieħed jgħodd iż-żewġ ġranet.

Illi għalhekk kienet għaddiet iktar minn ġimgħa waħda u konsegwentement fil-fehma ta' din il-Qorti t-terminu "ġimgħat" għalkemm mhux ideali xorta huwa relattivament korrett. Minbarra dan it-terminu mogħti fiċ-ċitazzjoni xorta jinkludi fih iż-żmien meta kien qed jiġi miftiehem ir-reat. Kien ikun differenti kieku ż-żmien li fih kien qed isir ir-reat ma kienx inkluż fl-imputazzjoni in kwistjoni. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-argument in kwistjoni mhux wieħed mistħoqq.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti straħet fuq xhud wieħed u li dan mhux kredibbli minħabba li kien hemm xi kwistjoni ta' flus bejnu u bejn ix-xhud. Dwar dan il-punt din il-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** (Numru 38/2011) deċiża fil-31 ta' Ottubru 2013, din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Ma hemm xejn ħażin illi l-Qorti tistriħ fuq xhud wieħed biss kif *del resto* hija ntitolata li tagħmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jgħid illi xhud wieħed jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tiġi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida mogħtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċċitat, tinnota li minn qari tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti ma

jirriżultax li hija straħet biss fuq Cassar iżda straħet fuq affarijiet oħra skont kif jirriżulta mill-istess sentenza. Għalhekk anke l-argument imressaq mill-appellant f'dan ir-rigward mhux mistħoqq.

Illi stabbilit dan din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ l-elementi li jikkomponu r-reat ta' assoċjazzjoni. Dawn l-elementi huma li jkun hemm: (a) ftehim bejn tnejn jew aktar minn nies, (b) bl-intenzjoni li jsir reat u (ċ) bi pjan ta' azzjoni miftiehem.

Illi dwar l-ewwel element din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Mejju 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fabio Zulian et** (Numru 537/2014) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "11. Jiġi fl-ewwel lok osservat illi sabiex jiġi applikat l-imsemmi Artikolu 48A, irid jiġi determinat liema hu r-reat li tiegħu l-Prosekuzzjoni tkun qed tallega li tiegħu l-assoċjati jkunu ppjanaw jew ftehmu biex iwettqu. Għalhekk ir-reat ta' assoċjazzjoni jrid jiġi abbinat ma' tali reat. Inoltre almenu wieħed mill-assoċjati jrid ikun f'Malta. Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti rabtet, korrettement, din l-assoċjazzjoni mal-frodi li kellu jiġi kommess lill-Casino` di Venezia. Iżda qalet hekk: [...]."

Illi f'dan il-każ jirriżulta li kemm l-appellant u kemm Joseph Cassar kienu Malta meta faqqsu dan il-pjan.

Illi dwar it-tieni element, ir-reat, dan jirriżulta b'mod ċar mill-fatt li jirriżulta li l-appellant ried biss li tinħaraq il-vettura ta' Gafa' u ma ried iweġġa' lil ħadd. Għalhekk anke dan l-element jirriżulta ppruvat.

Illi rigward it-tielet element, din il-Qorti tirreferi għas-sentenzi mogħtija fil-15 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Kenneth**

**Camilleri** (Numri 586/2012 u 587/12) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "L-argument tal-Avukat Ġenerali huwa validu peress illi Qorti tista' minflok ma ssib persuna ħati ta' awtur tar-reat, issibu ħati ta' kompliċi jew assoċjazzjoni. Biex dan isir però jrid jirriżulta *"a common design"* li ġie mfisser *"the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it."* Kwindi jrid jiġi ppruvat mingħajr dubbju dettat mir-raġuni illi Camilleri kellu l-istess intenzjoni u ħsieb tal-awtur prinċipali ta' dan ir-reat illi għamel atti preparatorji u jwettaq ir-reat ta' ħruq tad-dar tas-sindku."

Illi l-appellant jisħaq li ma kienx hemm *common design* bejnu u Cassar. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant minħabba li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant ġie mitlub elf Euro (€1,000) u ġie aċċertat li Cassar ma kienx ser jinqabad peress li kien diġa' ħaraq diversi vetturi.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li minn dak imsemmi hawn fuq jirriżulta li l-pjan kien ġie maqbul u li kien hemm il-*common design* meħtieġ sabiex iseħħ ir-reat in kwistjoni. Kien hemm ukoll pjan ta' azzjoni tant hu hekk li l-appellant jgħid li kien għad irid isib il-garaxx użat minn Gafa' u wara seta' jsir ir-reat.

Illi b'hekk jirriżulta li t-tliet elementi li jsawwru r-reat ta' assoċjazzjoni u li ġew imsemmija aktar 'il fuq ġew ippruvati u konsegwentement l-aggravju mressaq mill-appellant qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata ser tiġi kkonfermata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Duncan Buttigieg u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**